MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 1124/1999/1

**Avviz numru 1124/99DM**

**Mario Giacchino**

**Vs**

**Jos. Vincenti & Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab l-kundanna tal-konvenuti, sabiex ihallsu s-somma ta' sebgha mija u tmienja u tletin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm738.50) rappresentanti l-bilanc ta' paga, bonuses u kummissjoni lill-attur dovuta mill-konvenuti ghal servizzi li gew rezi lilhom fuq ordni u inkarigu specfiku taghhom matul il-perjodu bejn Ottubru 1997 u Gunju 1998, f'liema zmien huwa kien impjegat mieghu bhala salesman, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra ufficjali datata l-22 t'April 1999, kollox kontra taghhom u li minn issa r-rapprezentanti taghhom jinsabu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccipiet illi:

1 L-attur huwa responsabbli lejn is-socjeta konvenuta ghad-danni ai termini tal-annessa kontro-talba u ghalhekk hemm lok ghat-tpacija skond il-ligi fir-rigward ta’ kwalsiasi ammont illi jista jirrizulta dovut lill-attur u minghajr ebda prejudizzju ghall-eccezzjoni segwenti;
2 F’kull kaz, l-ammont pretiz huwa ezagerat;
3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tas-socjeta konvenuta fejn eccipiet illi:

1 L-attur rikonvenzjonat ghaliex m’ghandux jigi ikkundannat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jhallas lis-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti dawk id-danni li ghandhom jigu likwidati minn dina l-istess Qorti okkorrendo per opera di periti nominandi, liema danni pero ma ghandhomx jeccedu l-kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti, in konnessjoni ma l-inadempiment tal-obbligi tieghu, eccessi u nuqqasijiet ohra kommessi fil-konfront tas-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti matul l-kors tal-impieg tieghu mal-istess socjeta konvenuta rikonvenzjonanti u dana prevja li l-istess attur rikonvenzjonat jigi dikjarat responsabbli ghall-istess danni skond il-ligi lejn l-istess socjeta rikonvenzjonanti minn dina l-istess Qorti;
2 Bl-imghax u bl-ispejjes anke dawk tal-ittra ufficjali datata 29 t’April 1999 u l-ittra legali tal-4 ta Novembru 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ri-konvenut Mario Giacchino ghall-kontro talba imresqa mis-socjeta konvenuta rikonvenjenti Jos. Vincenti & Company Limited fejn eccepixx illi:

1 Iz-zewg talbiet tas-socjeta konvenuta rikonvenjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta konvenuta rikonvenjenti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-digriet tas-16 ta’ Marzu 2000 ghal korrezzjoni fl-ammont mitlub mis-somma ta’ seba’ mija, erbatax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm714.50) ghal somma ta’ seba’ mija, tmienja u tletin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm738.50).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ghamel zmien impjegat mall-kumpanija konvenuta bhala ‘salesman’ u b’riferenza ghall-perjodu in kwistjoni bejn Ottubru, 1997, u Gunju, 1998, huwa kien jithallas sittin lira Maltin (Lm60) fil-gimgha bhala paga u oltre dan kien jithallas kummissjoni ta’ erbgha punt wiehed fil-mija (4.1%) fuq il-valur ta’ dawk l-oggetti mibjghuha li taghhom ikun gie mhallas il-prezz.

Il-konvenut ipprezenta bhala dokument ‘MG1’ prospett dettaljat dwar kif wasal ghas-somma ta’ seba’ mija, tmienja u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm738.50) li qed jitlob f’ dan l-avviz.

F’dan il-prospett huwa gabar il-valur totali ta’ l-‘invoices’ li jirrigwardaw il-bejgh li kien ghamel hu fix-xhur bejn Ottubru sa Gunju ‘98 u wara li assuma illi dawn l-‘invoices’ kienu gew imhallsin fit-total taghhom, huwa qed jippretendi li jithallas kummissjoni fis-somma ta’ elf, seba’ mija, tnax-il lira Maltin u hamsin centezmu (LM1712.50).

Minn dan l-ammont huwa naqqas dak kollu illi rcieva minghand il-konvenut bhala hlasijiet akkont ta’ l-istess kummissjoni u ddikjara li baqalu ghalhekk jiehu bilanc in linea ta’ kummissjoni ta’ hames mija u erbgha u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm584.25).

Fid-deposizzjoni tieghu l-istess attur iddikjara illi, billi huwa m'ghandux access ghall-kotba tal-kumpanija konvenuta, huwa qed jibbaza ruhhu fuq il-bejgh totali illi kien ghamel hu, u ma kienx qed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi xi partiti mill-'invoices' tal-bejgh li kien ghamel ma kienux ghadhom thallsu jew li l-kumpanija konvenuta setghet ghada ma gabritx il-flus, jew il-fatt illi xi prodotti setghu jkunu gew irritornati.

Dwar dan il-konvenuti pprezentaw il-prospett taghhom a fol. 76 tal-process fejn kontrarjament ghal dak illi qed jallega l-attur huma qieghdin isostnu illi l-kummissjoni li effettivament kienet dovuta, tenut kont tar-'returns' u ammont ta 'invoices' li kienu ghadhom ma gewx imhallsa, il-kommissjoni dovuta ghax-xhur minn Ottubru sa Gunju, 1998, kienet ta' erba' mija, tnejn u erbghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm442.33).

Izda l-konvenuti jsostnu ukoll illi fix-xhur ta' wara gew imhallsin prezzijiet ulterjuri u l-konvenut kien intitolat illi jircevi tlett mija, sitta u sittin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm366.37) biex it-total ta' kummissjonijiet dovuti lill-attur ghax-xhur imsemmija jammontaw skond il-konvenuti ghas-somma globali ta' tmin mija, u tmienja liri Maltin u sebghin centezmu (Lm808.70).

Ghalkemm il-konvenuti ukoll ipprezentaw listi dettaljati bl-ismijiet tal-klijenti u l-ammont ta' kummissjoni dovut fuq kull bejgh huma m'ghamlu ebda referenza specifika ghad-dokument 'MG2' ipprezentat mill-attur sabiex jindikaw b'mod preciz dwar liema kummissjonijiet li qed jitlob l-attur huma l-konvenuti ma kienux qed jaqblu u qed jikkontestaw u jaghtu r-raguni ghaliex il-kummissjoni mitluba mill-attur ma kienitx dovuta fl-intier taghha.

Billi l-Qorti ma gietx assistita minn ebda espert komputista sabiex tkun tista' tirrileva bid-dettal il-punti ta' divergenza bejn il-kontendenti l-partijiet qablu li l-Qorti ghandha tasal ghad-decizjoni taghha *arbitrio boni viri* u tistabbilixxi hija stess dak l-ammont illi jkun xieraq li jithallas lill-attur tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Billi huwa logiku illi wiehed jassumi illi l-'invoices' kollha tal-bejgh li jaghmel l-attur minn Ottubru sa Gunju ma thallsux fl-intier taghhom, u billi huwa wkoll logiku illi thallsu iktar minn nofs tal-valur taghhom kontra dak li qed jippretendu l-konvenuti u billi skond il-konteggi tal-konvenuti l-ammont li huma jaccettaw li ghandu jiehu l-konvenut bhala bilanc mill-kummissjoni huwa ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240), il-Qorti qeghda taqsam id-differenza ta' tlett mija, erbgha u erbghin lira Maltin (Lm344) u tistabbilixxi *arbitrio boni viri* bhala kommissjoni illi ghada dovuta lill-attur is-somma ta' erba' mija u tnax-il lira Maltin (Lm412).

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni ammont li ghalih l-attur jippretendi li jigi ikkumpensat u li jirrigwarda kumpens ghall-'bonus' dovut u granet 'leave' li ma kienx utilizza, jirrizulta illi l-kontestazzjoni tirrigwarda biss dwar il-kumpens ghal tnax-il gurnata (12) 'leave' b' ghaxar liri Maltin kuljum (LM10) fis-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (LM120).

Minn naha taghhom il-konvenuti ma taw ebda raguni ghaliex l-attur m'ghandux jigi kkompensat ghal granet 'leave' li ma utilizzax u lanqas ma jikkontestaw illi effettivament wara li jitnaqqsu hames (5) t'ijiem minn 'notice' li kellu jaghti huwa kien intitolat ghal ghaxar (10) granet 'leave' meta ttermina l-impjieg.

Ghaldaqstant issib illi t-talba ta' l-attur ghas-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) bhala kumpens ghall-granet 'leave' li ma utilizzax hija ukoll gustifikata.

Ghaldaqstant tilqa' it-talba attrici billi tistabbilixxi li huwa ntitolat li jithallas komplessivament minghand il-konvenuti s-somma totali ta' hames mija, tnejn u tletin lira Maltin (Lm532) kif hawn fuq spjegat.

Ghal dak li jirrigwarda l-kontrotalba tal-konvenuti, ghalkemm ipprezentaw kopja ta' ittra mibghuta mid-difensur taghhom lill-attur, fejn ippretendew li jithallsu in linea ta' danni s-somom hemm indikati (vide dokument X2 a fol. 51 tal-process), huma ma pproducew ebda provi in

sostenn ta’ din it-talba taghhom u ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-kontrotalba tal-konvenut mhiex gustifikata u qieghda tichad din it-talba.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tiddisponi mit-talba attrici u il-kontrotalba tal-konvenuti billi filwaqt li tichad il-kontrotalba tal-konvenuti, qieghda tilqa’ it-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu s-somma ta’ hames mija, tnejn u tletin lira Maltin (LM532) kif hawn fuq stabbilit, bl-imghax legali mit-22 ta’ Lulju, 1999.

Dwar l-ispejjez tordna illi l-ispejjez jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------